10. L-għaxar motiv: il-klassifikazzjoni tal-klassijiet prevista fil-Pass 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Delega 2015/63 tikkostitwixxi ksur tad-dritt f'livell superjuri fil-ġerarkija tan-normi

— Il-klassifikazzjoni tal-klassijiet prevista fil-Pass 2 tal-Anness I tar-Regolament 2015/63 hija illegali sa fejn in-numru żgħir ta' klassijiet u n-numru identiku ta' istituzzjonijiet f'kull klassi ma jippermettux li l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni individwali, bħalma hija r-rikorrenti, jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjentement iddifferenzjat.

(1) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38).

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Sedus Stoll vs EUIPO – Kappes (Sedus ergo+)**

**(Kawża T-429/20)**

(2020/C 279/74)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Sedus Stoll AG (Dogern, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Goldmann u J. Thomsen, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Wolfgang Kappes (Bochum, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni "Sedus ergo+" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 144 074 98

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 1303/2019-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiċħad l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni fil-Każ B 2 618 984; u

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u tikkundanna lill-eventwali intervenjent (Wolfgang Kappes) għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2020 – KV vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-430/20)**

(2020/C 279/75)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* KV (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea